**5 ta' Ġunju 1967.**

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. President.**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, B.A., K.M., LL.D., D.Litt.(Rome), B.A. Hons.(Lond), Ph.D.(Lond), F.R.Hist.S. Viċi-President.**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Carmelo Vella

*versus*

Vittoria Camilleri et.

**Servitu, tibdil fil — Spejjeż ġudizzjarji.**

*Jekk servitu ssir iżjed gravuża milli kienet oriġinarjament, il-proprjetarju tal-fond servjenti għandu l-jedd li jitlob li jagħmel għas-spejjeż tiegħu dawk l-alterazzjonijiet neċessarji biex iħaffef il-piż tas-servitu. Fil-każ li l-fond servjenti jkun obbligat jirċievi l-ilma mill-bejt tal-fond attigwu, allura l-proprjetarju jista' jagħmel xogħol ta' katusi biex jikkonduċi l-ilma għall-parti oħra ta' proprjeta tiegħu, biex huwa jkun jista' jibni l-fond servjenti.*

*L-ispejjeż ta' simili ġudizzju għandhom jiġu sopportati mill-proprjetarju tal-fond servjenti peress li dawn ikunu saru fl-interess tiegħu biss.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni; u premess illi l-attur qed jibni l-fond numru tnax (12) Dornina Square, Naxxar, li jmiss mal-fond tal-konvenuti numru tlettax (13) Dornina Square, Naxxar; u premess illi hemm miżieb tal-ġebel li minnu l-

ilma tal-bejt ta' biċċa mill-fond tal-konvenuti johroġ għall-ġewwa l-kamra ġdida tal-fond tal-attur, li l-attur qed jibni; u premess illi l-attur imħabba l-istess miżieb ma jistax jagħmel il-kostruzzjoni tal-istess kamra; u premess illi l-attur qed jibni bitħa fejn l-istess kamra li għalhekk jista' faċilment u bla preġudizzju jintefa l-istess ilma fl-istess bitħa tal-attur; talab li jiġi awtorizzat li jdawwar min-naħa tal-fond tiegħu l-kors tal-istess ilma mit-toqba fejn jibda l-miżieb mill-bejt tal-konvenuti lejn il-bitħa tal-attur u dana per mezz ta' katusi jew mezzi oħra adegwati biex l-istess ilma jivversa ruħu fil-fond tal-attur u hekk ix-xkiel li llum hu prodott mill-istess miżieb jiġi evitat. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha qalu (1) illi ma jidhirx li huwa possibbli li l-ilma tal-miżieb jinbidel fil-kors tiegħu bla preġudizzju tal-fond tal-eċċipjenti; (2) illi jekk jirriżulta li dan huwa possibbli tant l-ispejjeż tax-xogħol kemm dawk ta' dan il-ġudizzju għandhom ikunu a kariku tal-attur;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Marzu, 1967 li biha ddeċiediet billi laqgħet t-talba tal-attur fis-sens li awtorizzatu jagħmel a spejjeż tiegħu l-alterazzjonijiet fil-kors tal-istess ilma kif minnu proposti fil-verbal tas-seduta tal-21 ta' Frar, 1967 liema xogħol għandu jsir fiż-żmien ħmistax il-ġurnata taħt id-direzzjoni tal-Perit Albert Vassallo A. & C.E.

L-ispejjeż stanti ċ-ċirkostanzi, għandhom jiġu sopportati mill-kontendenti mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-attur — wara li ikkunsidrat:—

Omissis

*Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti* u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi dik is-sentenza tiġi revokata fil-meritu (*fejn laqgħat it-talba ta' l-attur*) u fejn waħħlet parti mill-ispejjeż lilhom, billi t-talba ta' l-attur tiġi minflok miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.

*Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata* hi ġusta u tistħoqq konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u *kkunsidrat* —

*L-ilment ta' l-appellant huwa unikament* — għal dak li hu l-meritu tat-talba ta' l-appellat — illi l-arranġamenti al*ternattivi* għall-eżerċizzju *preżenti* tas-servitù *awtorizzati* bis-sentenza appellata ma joffrux garanzija illi tirrendi im*possibli* allagament ta' *ilma fuq* il-bjut tagħhom. Il-*Qorti* għalhekk kienet preokkupata illi taċċerta ruħha jekk dan il-*perikolu* tassew jeżistix jew le.

Wara li semgħat *il-perit* Vassallo aktar minn darba, *din* il-Qorti issa hi ta' fehma illi perikolu veru ma hemmx jew, *insomma*, hu talment *improbabbli* illi għandu jitqies bħalli kieku ma jeżistix. Min-naħa l-oħra l-preġudizzju ta' l-appellat, kieku l-*miżieb* kellu *jibqa'* fejn hu, hu *reali* u gravuż u, peress illi, kien dan il-preġudizzju jista' jiġi ovvjat, kif il-liġi trid illi *f'ċirkostanzi kongrwi* jiġi ovvjat, ma *ġie* suġ*ġerit* ebda rimedju ieħor raġonevoli u prattiku, il-Qorti jid*hrilha illi* m'hemmx *raġuni* għaliex l-arranġamenti *awtoriz*zati mill-ewwel Onorabbli Qorti ma għandhomx jiġu attwati. Il-Perit Vassallo stess xehed illi wara li raġa' eżamina l-każ u aċċeda mill-ġdid fuq il-post ma jistax jaħseb f'arranġa*ment* aħjar minn dak *ordnat* fis-sentenza appellata biex l-iskop li jinqdew iż-żewġ partijiet jiġi milħuq. Hu żied jgħid illi, jekk ix-*xogħol isir* taħt id-direzzjoni tiegħu hu jagħmel

kull premura biex, il-possibilita ta' sadd tla-katusi tiġi, kemm hu umanament possibbli ovjata. Għal dan l-iskop kif ukoll għall-eventwalità li l-katusi ikollhom bżonn ta' xi tiswija, il-katusi isiru fil-mifuħ ċioè ma jkunux la mgħottija u anqas midfunin fil-ġebel, u barra minn hekk ikollhom sefsiefa biex, kieku qatt kellu jkun hemm sadd, jista' jiġi mneħħi.

Achille Soler għaċ-Chief Government Medical Officer xehed illi, mill-punto di vista sanitarju m'għandu jkun hemm ebda diffikolta għax-xogħolijiet proposti, basta l-katużi ma jkunux midfunin taħt is-saqaf jew ġol-ħajt u basta, s'inten-di, illi x-xogħol kollu jsir skond is-sengħa. Għas-sanita anqas jagħmel differenza kieku flok katusi kellu jsir kanal mikxuf, però ix-xhud stess kien ta' fehma illi l-katusi huma preferibbli minn kull punto di vista.

Fil-meritu għalhekk, l-appell ma jistħoqqlux li jiġi mil-qugħ.

Kwantu għall-ispejjeż ta' prim'istanza, l-ilment ta' l-appellanti jidher ġustifikat. L-opposizzjoni tagħhom għall-proposta originali tal-appellat ma tidhirx li kienet inġustifi-kata, u difatti ma kienitx ġiet approvata anqas mill-perit ġudizzjarju. Il-proposta li eventwalment ġiet aċċettata mill-ewwel Onorabbli Qorti u adottata fis-sentenza appellata saret mill-appellat fl-aħħar tas-smiegħ tal-kawża fi prim'is-tanza, fis-seduta tal-21 ta' Frar, 1967 meta l-ispejjeż kollha kienu ġa saru. Barra minn hekk ix-xogħol hu rikjest u l-kawża saret fl-interess ta' l-appellat u, kif intqal, sa dak l-istadju l-appellanti kienu ġustifikati li jikkawtelaw l-interes-si tagħhom.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi billi, kwantu, għall-meritu, tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana illi x-xogħolijiet neċessarji jsiru

fi żmien tliet ġimgħat mil-lum u, kif ordnat fis-sentenza appellata, taħt id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Albert Vassallo li għandu jassigura illi x-xogħolijiet isiru għal kollox skond il-liġi sanitarja u skond is-sengħa, li l-katużi ikunu fil-miftuħ u tal-ħxuna neċessarja biex ikunu kapaċi li jirċevu l-ilma kollu tax-xita li jaqa' fuq il-bjut u li jsiru b'mod illi jiġi mneħħi kemm jista' jkun il-perikolu ta' sadd u li jippermetti li jekk qatt ikun hemm sadd jista' faċilment jitneħħa. Dawn ix-xogħolijiet għandhom, s'intendi, jsiru għas-spejjeż interament ta' l-appellat.

L-ispejjeż ta' prim'istanza jkunu kollha għak-kariku ta' l-appellat. Dawk ta' l-appell, peress illi, għalkemm l-appell fil-meritu ma irriżultax ġustifikat b'dana kollu xi punti kien hemm bżonn li jiġu kjarifikati aħjar jitħallsu ¼ mill-appellat u ¾ mill-appellanti.